# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar 2025**

**Numru 6**

**Rikors Maħluf Numru 23/2016/2**

**Carmel Formosa; Mark u Leeann konjugi Formosa**
***v.***
**Dominic Mercieca**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed tal-konvenut u l-ieħor tal-atturi – minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tas-6 ta' Ġunju 2019 li sabet illi l-konvenut qiegħed iżomm razzett bi ksur tal-liġi u ordnatu sabiex fi żmien tliet xhur jieqaf milli jkompli jmexxi dan ir-razzett u ordnatlu wkoll ineħħi kull inkonvenjent li

b'hekk ħoloq għall-atturi. L-appell tal-konvenut jolqot l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel qorti filwaqt li l-appell tal-atturi jolqot dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ma laqgħetx it-talba għal dikjarazzjoni illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li ġarrbu bi ħtija tiegħu, u fejn ikkundannathom sabiex iħallsu sehem minn tlieta ($^1/_3$) tal-ispejjeż tal-kawża.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin bażikament jitolbu li l-konvenut ma jitħalliex ikompli jopera u jiġġestixxi razzett fil-fond tiegħu li jmiss ma' dak tal-atturi, u dana minħabba l-iskular ta' ilma kontaminat, intejjen, ħmieġ, dubbien, storbju, ġrieden u bosta inkonvenjenzi oħra li dan ir-razzett allegatament qed jikkawżalhom. Il-konvenut jopponi t-talba għax jikkontendi li għandu dritt igawdi l-proprjetà tiegħu kif jidhirlu hu, u barra minn hekk dan ir-razzett ilu jeżistu minn żmien ferm qabel ma l-atturi marru joqgħodu fl-inħawi.
>
> »Huwa evidenti li l-atturi qegħdin jippretendu li kien hemm *molestia di fatto* fil-konfront tagħhom bl-eżistenza u l-użu tar-razzett fejn il-konvenut qiegħed irabbi l-annimali proprju f'fond li jiġi adjaċenti dak tagħhom, f'inħawi meqjusa bħala residenzjali fil-qalba tar-raħal tax-Xagħra … …«

3. L-atturi talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi l-konvenut qed jiġġestixxi u jopera razzett fil-fond … Xagħra, Għawdex, illegalment u abbużivament;
>
> »2. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jiddeżisti milli jkompli jopera u jiġġestixxi r-razzett fuq imsemmi kif ukoll tordnalu ineħħi kwalunkwe inkonvenjent li jirriżulta bħala riżultat ta' tali operazzjoni; u
>
> »3. tiddikjara lill-konvenut responsabbli għal danni favur l-atturi minħabba l-aġir abbużiv u illegali tiegħu liema danni jiġu likwidati f'ġudizzju separat.
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

4. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. It-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi u dan għal diversi raġunijiet kif sejjer jirriżulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

»2. Qabel xejn, l-atturi ma għandhom l-ebda dritt li jindaħlu lill-esponenti x'jagħmel fil-proprjetà privata tiegħu ġaladarba ma jeżisti l-ebda kuntratt jew xi titolu ieħor li jissuġġetta l-proprjetà tal-konvenut għal xi servitù favur il-proprjetà tal-istess atturi. Konsegwentement, l-atturi ma għandhom l-ebda interess ġuridiku li jippreżentaw kawża simili għal dik odjerna, u għaldaqstant il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

»3. Mingħajr preġudizzju għall-premess, mhuwiex minnu li l-esponenti qiegħed jagħmel xi ħaġa abbużiva jew illegali fil-proprjetà tiegħu.

»4. Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kmamar fil-proprjetà tal-konvenut ilhom jeżistu sa minn ferm qabel ma nbnew ir-residenzi tal-atturi, u kienu minn dejjem jintużaw għall-istess użu li għalih jintużaw illum, u għalhekk japplika l-prinċipju *primus* [*recte*, *prior*] *in tempore potior in jure*.

»5. Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalunkwe azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet governattivi ma tista' qatt tikkostitwixxi titotlu jew dritt ta' azzjoni favur persuna privata fil-konfront ta' ċittadin ieħor, fin-nuqqas ta' xi titolu ieħor favur dik il-persuna privata kontra ċ-ċittadin milqut b'dik l-azzjoni governattiva.

»6. Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, mhuwiex minnu li l-esponenti qiegħed joħloq xi inkonvenjent lill-atturi kif lanqas huwa minnu li llum il-ġurnata jista' jipperikola drenaġġ mill-proprjetà tal-konvenut għal ġo dik tal-atturi.

»… … …«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

»1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut qiegħed jiġġestixxi u jopera razzett … Xagħra, Għawdex, illegalment u abużivament;

»2. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex żmien tliet xhur jiddeżisti milli jkompli jopera u jiġġestixxi dan ir-razzett, u tordnalu jneħħi kwalunkwe inkonvenjent li jirriżulta minn tali operat;

»3. tiċħad it-tielet talba minħabba nuqqas ta' provi.

»L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-konvenut, u terz ($^1/_3$) mill-atturi stess.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha safejn relevanti għall-appelli tallum ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … …

»... ... ... Il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid dwar il-prinċipji elaborati fid-dottrina u fil-ġurisprudenza illi jirregolaw il-limiti tad-dritt tal-proprjetà fil-interess tal-konvivenza ċivili bejn il-ġirien:

> »"In-natura assoluta tal-proprjetà ma tfissirx li s-sid jista' jagħmel bi ħwejġu dak kollu li jrid; ifisser biss li ebda jedd ieħor ma jagħti

fakultajiet usa' milli tagħti l-proprjetà, li, iżda, ukoll għandha l-limiti tagħha. Dawn il-limiti tal-proprjetà jinqabżu, u hekk l-użu tad-dritt isir abbuż tad-dritt, mhux biss meta s-sid fiżikament jidħol fl-art ta' ħaddieħor, iżda f'każijiet oħra ta' *immissio in alienum* b'mezzi li, għalkemm ma jidhrux jew ma jintmissux, xorta jinħassu. Irwejjaħ u dħaħen ukoll jistgħu, jekk ma jkunux "fil-qies li jmiss", jitqiesu bħala invażjonijiet illeċiti tal-proprjetà ta' ħaddieħor u għalhekk il-ħsara li jagħmlu tkun *damnum iniuria datum*. Fejn insibuh dan "il-qies li jmiss"? Naturalment, l-irwejjaħ u d-dħaħen mhux dejjem jistgħu jinżammu fil-konfini tal-proprjetà mnejn jinħolqu, u jekk ngħidu li sid ma jista' jagħmel ebda forma ta' *immissio in alienum* inkunu qegħdin innaqqsu wisq id-drittijiet tas-sid li jinqeda bi ħwejġu biex jieħu minnhom l-akbar utilità. Għalkemm is-sid għandu d-dmir li jnaqqas kemm jista' l-inkonvenjent lill-ġirien, dawn, min-naħa tagħhom, bħala parti mid-dmir tal-*buon vicinato*, għandhom jittollerew dawn l-immissjonijiet fl-interess ta' sfrutta-ment aħjar tal-proprjetà sakemm dawn l-immissjonijiet ikunu fil-limitu ta' dak li hu raġonevolment tollerabbli. L-obbligazzjonijiet tal-*buon vicinato* għalhekk essenzjalment huma li, waqt li s-sid għandu l-ewwelnett inaqqas kemm jista' l-inkonvenjent li joħloq lill-ġirien l-użu tal-proprjetà tiegħu, il-ġirien għandhom id-dmir li jittolleraw dak ir-residwu ta' inkonvenjent inevitabbli sakemm dan ikun normalment tollerabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari. Din il-qorti, f'sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1896 fil-kawża fl-ismijiet Bugeja *et v.* Washington *et* (App. 5 ta' Mejju 1897, Vol. XV n.258 p. 571), kienet fissret hekk il-prinċipji u d-dmirijiet tal-buon vicinato:

> »"'… … … non altrimenti che conciliando il principio dell'inviolabilità della proprietà col riguardo dovuto alla libertà ed allo sviluppo dell'industria si può giungere alla retta soluzione della quistione involuta nel giudizio; poiché, come una sconfinata estensione del diritto di proprietà potrebbe ridurre in limiti angusti e paralizzare la industria, così un mal inteso favore verso questa ultima avrebbe talora l'effetto di restringere indebitamente i diritti del proprietario.
>
> »"'… … … la legge riconosce nel proprietario il diritto di usare liberamente del suo fondo, e di farvi le modificazioni che credesse convenienti, quand'anche privasse il vicino di qualche vantaggio, purché non gli rechi una grave molestia. In suo enim alii hactenus facere licet quatenus nihil in ali*um immittat L. 8, § 5, D Si servitus vindicetur*. ... ... ...
>
> »"'… … … quando la molestia prodotta dall'esercizio di uno stabilimento industriale non sia grave, non eċċeda cioè quel limite di tolleranza che, dice il Consigliere Giorgi (Obbligazioni V, nº 424), costituisce la vera misura degli obblighi del buon vicinato, essa dev'essere sofferta dal vicino il quale non ha diritto di farla cessare o di chiedere un indennizzo a causa del pregiudizio cagionatogli; ma se l'incommodo recato non è facilmente tollerabile diventa ingiusto, e può il vicino esigere la cessazione;
>
> »"'… … … per riconoscere se la molestia prodotta dal rumore, dal tremolio o dal fumo sia grave o no si deve avere riguardo non solo alla sua natura, ma ancora alla posizione e destinazione dei luogħi, se questi, esempli gratia, siano situati in città od in campagna, se nel centro o nei confini della città, e se vi si esercitino di consueto industrie simili a quelle di cui si lagnano gli attori, e devesi tenere anche, fino

> ad un certo punto, conto della preoccupazione, cioè dell'anteriorità del possesso (Demolombe e Giorgi *loc. cit.*)'.

»"Il-qrati komplew jimxu fuq dawn il-prinċipji f'sentenzi li ngħataw wara (ara *e.g.* Vincenzo Meli *v.* Giuseppe Calleja, App. Ċiv. 5 ta' Frar 1908, Vol. XX-I-114; Calcedonio Ciantar *v.* Salvatore Ciantar, Kumm. 31 ta' Marzu 1938, Vol. XXX-III-365; Giacomo Muscat *v.* Giuseppe Falzon, App. Ċiv. 27 ta' Ġunju 1952, Vol. XXXVI-I-233; Pio Bezzina *v.* Giacomo Galea, App. Ċiv. 27 ta' Ġunju 1955, Vol. XXXIX-I-413; Pio Briffa *et v.* Joseph Aquilina *nomine*, App. Kumm. 15 ta' April 1966; Ronnie Scicluna *v.* Anthony Guillaumier *nomine*, Kumm. 19 ta' Ottubru 1970; John Testa *v.* Anthony Bruno *et nomine*, App. Kumm. 30 ta' Mejju 1988, Vol. LXXII-II). F'sentenza li ngħatat fis-27 ta' Ġunju 1955 fil-kawża fl-ismijiet Pio Bezzina *v.* Giacomo Galea il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid hekk:

> »"'Skond id-dottrina, għalkemm huwa paċifiku li l-proprjetarju għandu d-dritt assolut li jgawdi u li jiddisponi kif irid mill-ħaġa tiegħu, iżda dan id-dritt għandu jitqies limitat fis-sens li fl-eserċizzju tiegħu ma għandux jiġi preġudikat id-dritt ta' ħaddieħor. Għalhekk kulħadd jista' jagħmel li jrid bil-ħaġa tiegħu sakemm ma jilledix id-dritt ta' ħaddieħor. Infatti, huwa prinċipju ġenerali, li jolqot l-atti kollha tal-bniedem, u li għandu jkun għalih il-gwida kostanti fl-azzjonijiet tiegħu kollha, illi ħadd ma jista' bil-fatt tiegħu jagħmel ħsara lil ħaddieħor, u għalhekk kulħadd jista' jiddisponi liberament mill-ħaġa tiegħu sakemm b'dak il-fatt ma joffendix id-dritt ta' ħaddieħor, billi "ove comincia l'altrui offesa, ivi si arresta il potere assoluto sulla propria cosa". (*Cassazione, Napoli 9 marzo 1894, Giurisprudenza Italiana, XLVI, I, I, 1036*).'"

»Dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-atturi m'għandhom ebda interess ġuridiku jippromwuovu din il-kawża ġaladarba ma jeżisti ebda rapport kuntrattwali mal-atturi u l-proprjetà tagħhom lanqas ma tgawdi xi tip ta' servitù kontra dik tal-konvenut, jingħad biss li, kif rajna fil-ġurisprudenza hawn iċċitata, kawża bħal din ma tiddependi minn ebda rapport kuntrattwali jew servitù, imma mill-obbligu li fit-tgawdija ta' ħwejġu ħadd ma għandu jippreġudika d-drittijiet ta' ħaddiehor.

»Fil-mertu mbagħad, naraw illi fil-każ in eżami mhux kontestat li l-konvenut qiegħed irabbi l-annimali konsistenti fi żwiemel, nagħaġ, tiġieġ u fniek f'razzett fejn dari missieru kien iżomm ħafna iżjed annimali. Dawn qegħdin jinżammu ġo f'xi erbat ikmamar mibnijin f' dik li xi darba kienet barriera li tmiss mal-proprjetajiet tal-atturi. Dawn qegħdin jilmentaw mill-inkonvenjent li dan ir-razzett daqshekk viċin ir-residenzi tagħhom neċessarjament jikkawżalhom. Dwar dan ipprodu-ċew rappreżentant tas-Supritendent tas-Saħħa li, minn spezzjonijiet li għamel fil-fondi rispettivi, f'żewġ okkazzjonijiet sab li kien hemm nuqqasijiet mill-aspett sanitarju konsistenti f'akkumulu ta' demel fil-barriera jew fil-kmamar taħt l-annimali, u fi skular ta' ilma kontaminat ġewwa l-*garage* tal-atturi konjuġi Formosa wara li kienet għamlet ix-xita. Għalkemm dan ir-razzett ilu jeżisti fil-barriera msemmija għal bosta snin, anke minn żmien missier il-konvenut, u dan ikkonfermawh familjari tal-konvenut, kif ukoll xi xhieda prodotti minnu, irriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar li l-konvenut ma għandu l-ebda permess biex iżomm razzett bl-annimali f'din il-barriera. Infatti kienet anke nħarġet ordni ta' infurzar kontra tiegħu, li minnha l-konvenut appella, imma sa issa għadu mhux magħruf x'inhu l-eżitu ta' dan l-appell.

»Il-konvenut jgħid li fil-mori tas-smigħ tal-kawża huwa naqqas in-numru ta' annimali li qiegħed iżomm fir-razzett in kwistjoni, u d-demel li jipproduċu dawn l-annimali qiegħed jitfgħu f'għalqa fl-inħawi tad-Dabrani, 'il bogħod mill-abitat. Ammetta però li dan isir biss fit-tliet xhur permessi mil-liġijiet sanitarji, u matul il-bqija tas-sena d-demel jibqa' jinġema' fil-kmamar fejn jinżammu dawn l-annimali. M'hemmx dubbju li anke l-presenza biss ta' dan id-demel għal daqshekk żmien matul is-sena, anke jekk dan ma jinfirixx fil-bitħa li hemm quddiem dawn il-kmamar, bħal ma kien isir qabel, qiegħed joħloq inkonvenjent ta' ċertu portata lir-residenti tal-inħawi. Dan ċertament ma jistax jitqies bħala inkonvenjent temporanju bħal meta wieħed ikun qiegħed jagħmel xi xogħlijiet ta' bini jew tiswija fil-fond tiegħu, jew inkella xi attività oħra ta' darba jew għal żmien qasir, imma jrid jiġi ssoportat kontinwament sakemm jibqgħu jitrabbew l-annimali f'dan ir-razzett. L-argument tal-konvenut, li l-istess razzett ilu jeżisti fl-inħawi minn żmien twil u ħadd qabel ma lmenta minn xi inkonvenjent li qed jikkawża, ma jreġix, għax, apparti l-fatt li dan ir-razzett huwa llegali u għalhekk il-konvenut qatt ma jista' jikseb drittijiet fuqu, dak li forsi kien jiġi ttollerat żmien ilu meta l-inħawi ma kinux għadhom daqshekk indawrin b'bini residenzjali, u huwa magħruf li kważi kull familja fir-raħal kienet iżomm xi ftit annimali fid-dar tagħha, ma jgħoddx għaż-żminijiet tal-lum, meta l-bniedem modern huwa ferm iżjed konxju mill-ħtieġa tal-indafa għas-saħħa, u l-irziezet qegħdin jitwarrbu mill-abitat. Jirriżulta għalhekk illi t-talbiet tal-atturi dwar it-tneħħija ta' dan ir-razzett mill-inħawi huma ġustifikati u jimmeritaw li jintlaqgħu. Mhux l-istess però dwar it-talba biex jiġi dikjarat li bl-operat ta' dan ir-razzett il-konvenut ikkawża d-danni lill-atturi, għax dwar dan baqgħu qatt ma nġiebu ebda provi.«

7. Il-konvenut appella b'rikors tal-25 ta' Ġunju 2019 li l-atturi wieġbu għalih fit-18 ta' Lulju 2019. Mis-sentenza tal-ewwel qorti appellaw ukoll l-atturi b'rikors tas-26 ta' Ġunju 2019 li l-konvenut wieġeb għalih fis-16 ta' Lulju 2019.

8. Nibdew bl-appell tal-konvenut li ġie mfisser hekk:

»A. L-ewwel qorti żbaljat bil-mod kif iddisponiet mill-eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku.

»… … …

»… … … l-ewwel qorti żbaljat bil-mod kif iddisponiet mill-eċċezzjoni tal-konvenut issa appellanti illi l-atturi issa appellati ma kellhomx l-interess ġuridiku illi jippromwovu din il-kawża. Sfortunatament, bid-deċiżjoni tagħha, l-ewwel qorti ippermettiet ċittadin privat jieħu l-irwol ta' *enforcement authority* spettanti lil awtorità pubblika, billi ġebbdet mhux ftit il-prinċipju tal-*molestia di fatto* biex fetħet bieb wiesa' biex kull min iħossu frustrat dak li qed jagħmel ħaddieħor, ikun jista' jutilizza din id-duttrina biex iwaqqaf dak li mhux f'postu li jwaqqaf.

»L-ewwel qorti setgħet tieħu kunsiderazzjonijiet diversi; iżda għażlet li tiċċentralizza għal kollox il-kunsiderazzjonijiet tagħha fuq il-fatt jekk il-proprjetà tal-konvenut appellant u l-operat fiha humiex illegali jew le – kif wara kollox ġiet diretta tagħmel mill-attur fil-premessi u t-talbiet tiegħu. Fl-umili fehma tal-esponenti, dan kellu jkun għal kollox irrilevanti. L-ewwel qorti donnha irraġunat fis-sens illi l-operat huwa illegali (li ma huwiex) u li allura, neċessarjament hemm molestija gravi – argument dan li bl-akbar rispett, ma jsegwix.

»Jibda biex jingħad bħala punt illi l-*enforcement notice* imsemmi mill-atturi ġie appellat u sal-lum (u allura żgur sas-sentenza) għadu *sub judice*. Allura, l-ewwel qorti ma setgħet qatt tgħid illi l-proprjetà tal-appellanti hija illegali meta din l-allegazzjoni għadha ma hijiex deċiża.

»Jekk wieħed jara l-premessi tal-attur, huwa ċar li qed jibbaża kollox fuq l-istat tal-allegata illegalità tal-binja. L-istess għamlet l-ewwel qorti fid-deċiżjoni tagħha; prattikament ibbażat l-ordnijiet tagħha b'mod totali minħabba l-istat 'illegali' (skond l-ewwel qorti) tal-proprjetà tal-konvenut, bla ma għamlet kunsiderazzjonijiet oħra. Agħar minn hekk, meta għamlet hekk, ġew mwarrba kunsiderazzjonijiet illi kieku kienet tagħmel awtorità pubblika meta taġixxi fl-irwol tagħha ta' *enforcement* tal-liġijiet ambjentali u sanitarji, fosthom per eżempju illi l-binja mertu tal-kawża ilha hemm għal għexieren ta' snin, u żgur qabel l-1967. Tabilħaqq, iddeċidiet abbażi ta' allegazzjoni ta' illegalità li ma teżistix, kif filfatt jista' jiġi faċilment stabbilit – mhux quddiem il-qorti iżda quddiem l-awtoritajiet relevanti li jħaddnu *policies* proprju għal sitwazzjoni identika bħal din.

»Ulterjorment, kif setgħet il-qorti tiddikjara illi l-proprjetà tal-esponenti hija illegali jekk dan għadu soġġett għall-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar?

»Filfatt, jekk wieħed jara d-*decide*, jinduna illi l-qorti mkien ma iddikjarat illi seħħet molestija gravi, donnu l-istat illegali tal-operat (jiġi mtenni ma hemmx illegalità) jekwivali neċessarjament għall-molestja. Ara d-*decide*:

> »"tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut qiegħed jiġġestixxi u jopera razzett … illegalment u abużivament;
>
> »tikkundanna lill-istess konvenut sabiex żmien tliet xhur jiddeżisti milli jkompli jopera u jiġġestixxi dan ir-razzett, u tordnalu jneħħi kwalunkwe inkonvenjent li jirriżulta minn tali operat."

»L-ewwel qorti kienet ċara: il-bażi tad-deċiżjoni tagħha kienet illi skont hi l-opera kien illegali u abusiv. Dwar dan intalbet tiddeċiedi, u hekk iddeċidiet.

»Meta għamlet hekk l-ewwel qorti allura ħadet post l-Awtorità tal-Ippjanar mingħajr iżda ma ikkunsidrat illi l-liġijiet li jħaddnuha, biex b'hekk ħolqot sitwazzjoni kemmxejn kumplikata fejn xi ħadd ġie ikkundannat kontra l-eżerċizzju ta' attività illi effettivament bil-liġi hija permessa, purament minħabba li, skont l-istess qorti, bil-liġi permessa ma hijiex. B'kull rispett, mingħajr ma jkun hemm kwistjonijiet ta' natura ta' dritt ċivili sopportati bl-interess ġuridiku ta' min iressaqhom, ma tistax qorti tieħu l-irwol li jispetta lill-Awtorità tal-Ippjanar u tordna lill-esponenti jieqaf jiġġestixxi attività. Setgħet allura l-ewwel qorti tagħmel dan l-eżerċizzju kieku din l-attività qegħda ssir f'art tal-atturi, jew bi

ksur jew aggravju ta' xi servitù appartjenenti lilhom. Imma f'dan il-każ, ma kien hemm xejn minn dan.

»… … …

»Id-domanda li ssegwi huwa, xi dritt personali u ġuridiku mogħti mill-liġi qiegħed jiġi vjolat?

»… … … li post jista' jkun (enfażi fuq jista' jkun, għax skont l-esponenti ma huwiex) illegali mal-awtoritajiet ma jagħti l-ebda dritt fid-dritt ċivili lill-atturi biex jagħmlu kawża ta' din it-tip, partikolarment fl-assenza ta' titolu li jsarraf fi dritt f'dan is-sens. L-ebda tiġbid tad-duttrina tal-*molestia di fatto* ma ssarraf f'dan. Lanqas jista' jingħad illi teżisti xi molestja gravi li ssarraf fi twelid ta' dritt li jagħti l-interess neċessarju. … … …

»… … …

»L-iżball prinċipali tal-ewwel qorti kien il-fatt illi ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq xi ħaġa li ma kienx jispetta lilha li tikkunsidra – u *cioè*, jekk il-proprjetà tal-konvenut għandhiex permess, u awtomatikament abbinat dan mal-molestja tal-fatt. *Se mai*, l-ewwel qorti kellha tiffoka fuq l-allegata molestja, irrelevantement jekk il-proprjetà hijiex legali jew le. Li hu ċert huwa li ma setgħetx tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq sejba *o meno* tal-istat fil-liġi ta' din il-proprjetà. Dan kien jispetta lill-Awtorità tal-Ippjanar.

»B'dana allura illi l-bażi tad-*decċide* ma seta' qatt ikun l-istat illegali *o meno* tal-proprjetà tal-konvenut issa appellanti. Apparti hekk, l-awtoritajiet li jiddeċiedu jekk proprjetà hijiex illegali jew le għadhom sal-lum ma sabu l-ebda illegalità, għaliex hemm pendenti l-appell!

»Tajjeb li jiġi mfakkar illi l-premessi tal-atturi issa appellanti kienu ibbażati fuq l-allegata illegalità fil-permessi mħaddna mill-konvenuti, u għamlu kawża biex jieħdu post l-Awtorità tal-Ippjanar u d-dritt tagħha li tieħu *direct action*. Din il-qorti hija mistiedna tara l-premessi fir-rikors ġuramentat – fejn il-molestja hija ikkunsidrata kważi bħala *after-thought*. Jekk l-atturi ħassew illi l-Awtorità tal-Ippjanar ma kinitx qed taġixxi, ma setgħux sempliċiment jaqbżuha, jieħdu l-liġi f'idejhom u jitolbu lill-qorti tagħmel dak li hija tenuta tagħmlu l-Awtorità tal-Ippjanar u jneżżgħuha b'hekk minn kull setgħa. Jekk ħassew li l-Awtorità tal-Ippjanar ma kinitx qed taġixxi, kellhom qabelxejn jinterpellaw lill-Awtorità tal-Ippjanar biex taġixxi, imbagħad *se mai* ifittxu lilha (u mhux lill-esponenti) għax ma tkunx għamlet xogħolha.

»Imma ovvjament, l-atturi ma setgħux jagħmlu hekk, għaliex mill-*enforcement notice* li jilmentaw dwarha sar appell. Għalfejn allura marru l-qorti, flok stennew l-eżitu tal-appell u possibilment, is-sussegwenti *direct action*? Għall-konvenut, it-tweġiba hija sempliċi, fis-sens li l-atturi ittentaw li fejn ma jistgħux jgħaddu mill-bieb, jgħaddu mit-tieqa, u jneżżgħu lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-funzjonijiet tagħha u jissostitwixxuha b'dik tal-qorti.

»Jingħad umilment illi l-Awtorità tal-Ippjanar għandha regoli, *policies* u liġijiet applikabbli li proprju jindirizzaw ilmenti bħal dawk mertu tal-kawża. Huwa proprju wkoll għalhekk għaliex huwa ħażin li qorti ordinarja tqis illi xi ħadd bħall-atturi għandu l-interess ġuridiku illi jressaq kawżi ta' din ix-xorta, għaliex qorti ordinarja ma tistax tuża l-*policies* biex tfisser il-ħsibijiet tagħha u tiddeċiedi. Intant, il-*policies* tal-

Awtorità tal-Ippjanar jagħtu soljev u raġun lis-sitwazzjoni tal-esponenti, illi ilu b'din il-proprjetà sa tal-anqas qabel l-1967, u din il-proprjetà saħansitra kienet hemm qabel mal-atturi issa appellati stabbilixxew ir-residenza tagħhom fl-inħawi! … … … Dan huwa fatt mhux kontestat. Hawnhekk hawn sitwazzjoni ferm kuntradittorja li potenzjalment il-konvenut appellanti minn lat ta' ippjanar u sanità għandu raġun, iżda ġie ordnat li jneħħi l-istss operat abbażi ta' deċiżjoni dwar prinċipji ta' pjanar u sanità kif ikkunsidrat minn qorti, u mhux mill-awtorità li tenuta tiddeċiedi dwarhom.

»Bil-mod kif iddeċidiet l-ewwel qorti billi ġebbdet id-duttrina tal-*molestia di fatto*, fetħet bieb wiesa' biex minn iħoss fastidju (u mhux perikolu, imma sempliċiment fastidju), jista' jaqbad jagħmel kawża u l-bażi tagħha tkun l-allegata illegalità tal-posizzjoni ta' ħaddieħor, anke jekk ma dik l-allegata illegalità huwa ma jkollu x'jaqsam xejn. Imbagħad nibdew naraw kawżi fejn residenti f'Ħaż-Żebbuġ li jdejqu l-ħoss tal-murtal tas-salut ta' filgħodu jibda jagħmel kawża kontra l-kamra tan-nar tar-Raħal Ġdid għax il-kamra tan-nar tinsab żewġ pulzieri aktar viċin mid-distanza permessa fil-liġi. Nispiċċa b'kawżi fejn kull min idejqu xi ħaġa, ċkejkna kemm hi ċkejkna, jibda jfittex xi forma ta' illegalità tal-perpetratur tagħha biex abbażi tagħha jaqbeż lill-awtorità konċernata li tenuta taġixxi, u jagħmel kawża hu.

»Naturalment, kulħadd għandu dritt jirraporta lill-awtoritajiet konċernati fejn għandu suspett ta' aġir illegali da parti ta' xi ħadd, u għandu wkoll dritt illi jippretendi illi l-awtorità konċernata tinvestiga, u jekk verament ikun hemm illegalià, tmexxi kontra min dik l-illegalità huwa respons-abbli għaliha. Dan hu dritt li l-konvenut appellanti ma jippretendix li jitneħħa. Imma ħadd ma huwa intitolat jaqbeż lil dik l-awtorità u jippretendi illi dak li suppost tagħmlu l-awtorità jagħmlu hu, abbażi ta' pretest ta' interess ġuridiku li ma jeżistix.

»Jingħad bir-rispett illi proprju dan ittentaw jagħmlu l-atturi, u sfor-tunatament sabu s-sostenn tal-ewwel qorti, liema sostenn fl-umili fehma tal-esponenti, kien żbaljat.

»Ma huwiex jingħad illi l-ewwel qorti ma kellhiex dritt tikkunsidra kwistjonijiet dwar molestja gravi, u jekk jeżistux l-elementi neċessarji fil-liġi għal dan (lanqas dan ma għamlet); biss ma setgħetx tirraġuna b'mod illi la proprjetà hija illegali (li ma hijiex) allura ta' bilfors hemm molestja gravi. Dan kien l-iżball tal-ewwel qorti.

»Hawnhekk imbagħad hawn 'illegalità' li hija għal kollox kontestata, u *enforcement notice* appellata. L-appell għadu pendenti. Jiġifieri l-ewwel qorti iddeċidiet abbażi ta' 'illegalità' li ma teżistix! Hawnhekk hawn sitwazzjoni ferm kuntradittorja li potenzjalment il-konvenut appellanti minn lat ta' ippjanar u sanità għandu raġun, iżda ġie ordnat li jneħħi l-istess operat abbażi ta' prinċipji ta' pjanar u sanità kif ikkunsidrat minn qorti, u mhux minn l-awtorità li tenuta tiddeċiedi dwarhom. Jiġifieri, meta ħarġet mill-*vires* tagħha, l-ewwel qorti iddeċidiet biex jitneħħa operat li potenzjalment jista' jkun pjenament skont l-liġi u l-*policies* relevanti! Il-qorti żbaljat meta ddeċidiet illi r-razzett huwa illegali, għaliex bil-*policies* preżenti (partikolarment il-fatt illi dan ir-razzett ilu hemm sa minn qabel l-1967), ir-razzett illegali ma huwiex!

»Jiġi mtenni li r-razzett ma huwiex illegali.

»Jingħad *inoltre* illi l-ewwel qorti lanqas biss ikkunsidrat il-prinċipju magħruf bħala *primus* [*recte*, *prior*] *in tempore potior in jure*. Kellha tara jistax wieħed jilmenta minn stat ta' fatt preżenti sa snin qabel huwa beda jirrisjedi fil-proprjetà tiegħu, u jistax xi ħadd ġdid jippretendi illi jibdel dak li jsib u li jkun ilu hemm għal numru ta' snin. Dwar dan, l-ewwel qorti sfortunatament ma qalet xejn.

»Inoltre, ma hemm l-ebda molestja gravi. Kif intqal fil-kawża Joseph Attard *et v.* Paul Baldacchino *et* wieħed jista' jutilizza l-proprjetà tiegħu bl-akbar libertà:

> »"Il-liġi tirrikonoxxi lill-proprjetarju d-dritt li jagħmel użu liberament mill-fond tiegħu u li jagħmel fih dawk il-modifikazzjonijiet li jidhirlu li jkunu ta' konvenjenza anke meta b'dan ikun qiegħed jippriva lill-ġar minn xi vantaġġ li kellu *purché* ma jikkawżax b'daqshekk lill-viċin molestja gravi.
>
> »"Il-viċin jista' jaġixxi fuq molestja biss meta din tkun gravi u mhux faċilment tollerabbli."

»… … … ma nġiebet l-ebda prova li setgħet twassal lill-ewwel qorti biex tikkonkludi illi teżisti l-gravità neċessarja biex tiddipartixxi mill-prinċipju tant sagru dwar it-tgawdija tal-proprjetà li wieħed għandu.«

9. L-atturi wieġbu hekk:

»A kuntrarju ta' dak li qed isostni l-konvenut appellant, l-operat tar-razzett tiegħu huwa filfatt illegali. L-ewwel ikkonfermat dan wara li semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn jgħid li l-konvenut ma għandux permess ta' razzett.

»L-appell li hemm pendenti u li jsemmi ripetuament il-konvent appellant huwa appell minn applikazzjoni tiegħu mal-awtorità sabiex jissanzjona ħamest ikmamar li jintużaw għall-annimali u kif ukoll jissanzjona pavimentar tal-konkrit. B'hekk l-appell ma jbiddilx l-istat ta' illegalità tiegħu *stante* l-applikazzjoni għas-sanzjoni li huwa intavola hija minnha infisha prova li huwa ma għandux il-permessi neċessarji u li l-bini tiegħu huwa filfatt illegali. Bl-applikazzjoni għas-sanzjoni l-konvenut talab sabiex l-illegalità tiegħu ssir legali. B'hekk huwa evidenti ferm li l-fatt li l-appell għadu mhux deċiż bl-ebda mod ma jagħmel ir-razzett tiegħu legali.

»l-konvenut appellant lanqas ma huwa korrett meta jgħid li l-ewwel qorti ibbażat id-deċiżjoni tagħha biss fuq jekk il-konvenut għandux permess jew le. Dan ma huwa veru xejn. … … … l-ewwel qorti ikkonkludiet:

> »" Il-konvenut jgħid li fil-mori tas-smigħ tal-kawża huwa naqqas in-numru ta' annimali li qiegħed iżomm fir-razzett in kwistjoni, u d-demel li jipproduċu dawn l-annimali qiegħed jitfgħu f'għalqa fl-inħawi tad-Dabrani, 'il bogħod mill-abitat. Ammetta però li dan isir biss fit-tliet xhur permessi mil-liġijiet sanitarji, u matul il-bqija tas-sena d-demel jibqa' jinġema' fil-kmamar fejn jinżammu dawn l-annimali. M'hemmx dubbju li anke l-presenza biss ta' dan id-demel għal daqshekk żmien matul is-sena, anke jekk dan ma jinfirixx fil-bitħa li hemm quddiem dawn il-kmamar, bħal ma kien isir qabel, qiegħed joħloq inkonvenjent ta' ċertu portata lir-residenti tal-inħawi. Dan ċertament ma jistax jitqies bħala

> inkonvenjent temporanju bħal meta wieħed ikun qiegħed jagħmel xi xogħlijiet ta' bini jew tiswija fil-fond tiegħu, jew inkella xi attività oħra ta' darba jew għal żmien qasir, imma jrid jiġi ssoportat kontinwament sakemm jibqgħu jitrabbew l-annimali f'dan ir-razzett."

»Għal kuntrarju ta' dak li qed jgħid il-konvenut, hawnhekk l-ewwel qorti filfatt għamlet konsiderazzjonijiet dwar x'tip ta' molestja qegħdin jaffaċċaw l-atturi u ikkonkludiet li hija ta' ċertu portata. B'hekk mhux minn hu li l-ewwel qorti straħet biss fuq il-fatt li l-konvenut ma għandux il-permessi neċessarji iżda effettivament eżaminat il-gravità tal-molestja.

»L-atturi hawn appellati jaqblu perfettament mal-ewwel qorti illi l-molestja hija ta' ċertu gravità u dana peress li l-konvenut appellat ma għandux l-infrastruttura neċessarja sabiex l-operat tiegħu ma jik-kawżax inkonvenjent u periklu fil-madwar. Mhuwiex assolutament aċċettabbli li persuna iġġemm u taħżen demel ta' annimali għal numru ta' xhur f'żona residenzjali speċjalment meta dan ma jkunx issiġillat jew proċesswat b'demmiela. Il-konvenut appellant fix-xhieda tiegħu jgħid li d-demel kien jagħttih bit-tiben. Bħal li kieku meta jgħatti d-demel bit-tiben dan sejjer jissiġillah!

»Dan kollu ġie ribadit fir-rapport tal-*case officer* ippreżentat mill-uffiċjal tal-Awtorità għall-Ippjanar fejn saħqu li l-operat tar-razzett huwa ta' perikolu għas-saħħa pubblika kif ukoll imur kontra l-*policies* viġenti li jesiġu r-rilokazzjoni mandatorja tal-irziezet li jinsabu legalment ġewwa żoni residenzjali 'l barra mill-istess żoni. F'dan ir-rapport hemm ukoll indikat li ma hemm l-ebda "*waste management facilities*".

»Il-konvenut lanqas ma huwa korrett meta jgħid li l-qorti ma għandhiex il-poter li tissindika jekk permess maħruġ validament minn awtorità jkunx leżiv fid-drittijiet ċivili ta' terz.

»Tant hu hekk li l-permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar huma dejjem maħruġa "*save third party rights*" u b'hekk ebda permess dwar l-ippjanar ma jista jintralċja fuq id-drittijiet ċivili ta' terzi.

»*Di più*, tressqu patafjun ta' kawżi quddiem il-qrati nostrana fejn terzi ikkontestaw operat li jkun munit b'permessi valida bħal per eżempju fil-każijiet ta' ħwienet tax-xorb u tad-divertiment. Dawn l-istabbilimenti għalkemm ikollhom permess li jdoqqu l-mużika, xorta waħda tali eżerċizzju ta' drittijiet akkwistati mill-awtoritajiet ikun irid jirrispetta d-drittijiet ta' terzi.

»Dan huwa propju l-istitut tal-buon viċinat fejn individwu minkejja li jkollu dritt mogħti lilhu bil-liġi jew minn awtorità appropożita, huwa xorta waħda jkun obbligat li jeżerċita d-dritt tiegħu fil-parametri tal-liġi mingħajr ma jintralċja fuq id-drittijiet ta' terzi.

»… … …

»Id-dritt tal-proptjeta ma huwiex wieħed assolut u għandu diversi limiti. L-artikolu 320 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li:

> »"Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi."

»Fil-każ odjern il-konvenut appellant qed jagħmel użu pprojbit mil-liġi *stante* li huwa qed jopera razzett f'żona residenzjali b'perikolu għas-saħħa ambjentali u pubblika.

»L-esponenti jinsab żbalordit għall-aggravju tal-appellant li jirrigwarda l-interess ġuridiku. Huwa evidenti li dan l-aggravju huwa intiż biss sabiex jivvessa lill-attur hawn appellat. Minkejja dan l-appellati sejrin xorta waħda jindirizzaw dan l-aggravju.

»Ir-risposta għad-domanda retorika li saret fl-appell tal-konvenut hija waħda sempliċi: l-atturi għandom id-dritt li jgawdu ħwejjiġhom mingħajr ebda xkiel u mingħajr ma jiġu molestati bil-mod li qed jiġu immolestati. Għandom id-dritt li ma jxommux b'mod kostanti l-irwejjaħ u gassijiet li joħorġu mil-kumulu ta' demel meta dawn jkun fir-residenza tagħhom. L-atturi għandhom id-dritt li saħħithom ma tkunx ipperikolata bl-operat tal-konvenut hawn appellant.

»Għaldaqstant l-esponenti jitlob li dina l-qorti tiċħad l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.«

10. Attività jew binja tista' tkun illegali mhux biss għax tikser il-liġijiet pubbliċi dwar ambjent, ippjanar jew permessi iżda wkoll għax toħloq inkonvenjent. Il-kwistjoni f'din il-kawża hija dwar relazzjoni ta' dritt privat mhux ta' dritt pubbliku. Il-binja tal-konvenut tista' tkun regolari u bil-permessi kollha meħtieġa taħt il-liġijiet tal-ippjanar; dan iżda ma jolqotx id-drittijiet tal-partijiet privati. Fi kliem ieħor, daqskemm il-fatt li bini jikser liġi pubblika ma jfissirx illi b'hekk jikser drittijiet privati, il-fatt li bini jkun iħares il-liġi pubblika ma jfissirx bilfors illi jħares ukoll drittijiet privati. L-argumenti li ressqu l-partijiet dwar jekk hemm jew m'hemmx permessi tal-ippjanar huma għalhekk irrelevanti.

11. Il-kwistjoni mela hi jekk dak li qiegħed jagħmel bi ħwejġu l-konvenut jaqax taħt dak li jgħid l-art. 320 tal-Kodiċi Ċivili:

»**320**. Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi.«

12. Il-kwistjoni mela ma hijiex jekk ir-razzett għandux permessi jew huwiex konformi mal-liġijiet tas-sanità u tal-ippjanar; il-kwistjoni hi jekk l-użu tar-

razzett li qiegħed jagħmel il-konvenut huwiex “ipprojbit mil-liġi” li tagħti drittijiet privati, fosthom il-liġi tal-*buon vicinat* li ma tħallix li ġâr joħloq inkonvenjent aktar milli huwa raġonevolment tollerabbli.

13. Ċertament għalhekk illi l-atturi għandhom interess ġuridiku li jressqu din l-azzjoni jekk igħidu illi l-konvenut qiegħed joħloqilhom inkonvenjent li ma huwiex raġonevolment tollerabbli,

14. Igħid ukoll ħażin il-konvenut illi l-ewwel qorti irraġunat “b’mod illi la proprjetà hija illegali allura ta’ bilfors hemm molestja gravi”. Ir-raġunament tal-ewwel qorti mhux dak kien; li qalet l-ewwel qorti hu illi l-konvenut qiegħed joħloq inkonvenjent insopportabbli għax “id-demel jibqa’ jinġema’ fil-kmamar fejn jinżammu dawn l-annimali. M’hemmx dubbju li anke l-presenza biss ta’ dan id-demel għal daqshekk żmien matul is-sena, anke jekk dan ma jinfirixx fil-bitħa li hemm quddiem dawn il-kmamar, bħal ma kien isir qabel, qiegħed joħloq inkonvenjent ta’ ċertu portata lir-residenti tal-inħawi”.

15. Il-kwistjoni mela tibqa’ waħda ta’ fatt: l-inkonvenjent maħluq mill-irwejjaħ ħerġin mill-proprjetà tal-konvenut li jaslu sal-ambjenti tal-atturi, u wkoll id-dħul ta’ likwidu maħmuġ mir-razzett għal ġol-proprjetà tal-atturi huwa raġonevolment tollerabbli jew le?

16. Il-konvenut igħid illi r-razzett inbena qabel l-ambjenti tal-atturi, u għalhekk l-atturi kellhom jew jaċċettaw dak li sabu jew inkella ma jmorrux joqogħdu hemm.

17. Il-prijorità tal-użu ma hijiex irrelevanti f'sitwazzjonijiet bħal din tallum, iżda mhux determinanti, u dak li seta' jsir f'ambjenti disabitati mhux bilfors jista' jkompli jsir jekk dawk l-ambjenti jsiru abitati. Tassew illi, jekk l-atturi għażlu li jmorru joqogħdu ħdejn razzett inevitabbli li jkollhom jittolleraw ċerti rwejjaħ, iżda dan igħodd biss għal dak l-inkonvenjent li huwa inevitabbli, u mhux ukoll dak li jista' jitneħħa jew jitnaqqas b'mezzi llum disponibbli. Wara kollox, l-atturi wkoll għandhom il-jedd illi jgawdu ħwejjiġhom "bil-mod l-aktar assolut" u mhux ikunu mġiegħla jittolleraw dak l-inkonvenjent illi jista' jiġi evitat.

18. Li l-livell ta' inkonvenjent huwa wieħed gravi jirriżulta ampjament mill-provi li tressqu. Li kostantement ixxomm intejjen u gassijiet noċivi, u li jidħollok likwidu maħmuġ mhux ħaġa aċċettabbli. Jirriżulta wkoll illi dan l-inkonvenjent huwa riżultat tal-fatt illi l-konvenut iħalli d-demel jakkumula flok inaddfu regolarment. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, huwa biss għal tliet xhur fis-sena illi l-konvenut ineħħi d-demel, u għad-disa' xhur l-oħra tas-sena jħallih jakkumula. Il-fatt illi jinġema' likwidu maħmuġ huwa wkoll konsegwenza tal-fatt illi fir-razzett tal-konvenut ma hemmx faċilitajiet ta' smaltament tal-iskart. Tindif kostanti u sistema funzjonali ta' drenaġġ inaqqsu konsiderevolment l-inkonvenjent li ġustament jilmentaw minnu l-atturi, u l-konvenut ma jistax jaħrab mill-obbligu li jagħmel dak kollu possibbli biex inaqqas sal-minimu l-inkonvenjent billi jgħid li r-razzett kien hemm qabel l-atturi u għalhekk jista' jkompli miexi kif dejjem mexa.

19. L-appell tal-konvenut huwa għalhekk miċħud. Ngħaddu issa għall-appell tal-atturi, li ġie mfisser hekk:

»L-ewwel qorti ma kenitx korretta meta ma laqgħetx it-tielet talba tal-appellanti u allokat terz tal-ispejjez kontrihom**.**

»L-appellanti fit-tielet talba tagħom talbu lill-qorti sabiex:

»"3. tiddikjara lill-konvenut responsabbli għal danni favur l-atturi minħabba l-aġir abbuziv u illegali tiegħu liema danni jiġu likwidati f'ġudizzju separat."

»Din it-talba hija pre-ordinata għal kawża oħra għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni. L-ewwel qorti iddeċidiet billi ċaħdet din it-talba u kkonkludiet li l-attur ma ġab ebda prova dwar id-danni li ġarrab.

»L-esponenti ma jaqbel xejn mal-konklużjoni tal-ewwel qorti u dana peress li ġaladarba l-ewwel żewġ talbiet tal-appellanti ġew akkolti kellu jsegwi li t-tielet talba tiġi akkolta ukoll.

»L-ewwel qorti irrikonnoxxiet li l-appellanti sofrew inkonvenjent kbir. Fir-*ratio decidendi* tagħha l-ewwel qorti rrikonoxxiet il-fatt li fil-proprjetà senjatament gewwa l-*garage* tal-appellanti pperkola ilma kontaminat. Il-qorti rrikonoxxiet ukoll li t-trobbija tal-annimali ħoloq "inkonvenjent ta' ċertu portata" li "ċertament ma jistax jitqies bħala inkonvenjent temporanju" u liema inkonvenjent "irid jiġi ssoportat kontinwament sakemm jibqgħu jitrabbew l-annimali f'dan ir-razzett". *Di più*, l-appell-anti fl-*affidavit* tagħom l-konjuġi Formosa spjegaw kif qed jiġu affettwati kwotidjanament bl-operat tal-appellat fejn saħansitra żviluppat kundizzjoni medika f'binhom liema kundizzjoni ġiet attribwita mit-tobba mal-arja kontaminata mill-appellat,

»L-appellanti jsostnu li dawn il-provi u konklużjonijiet tal-qorti kellhom waħdehom iwasslu lill-istess qorti sabiex tiddeċiedi favorihom it-tielet talba. Jiġi relevat li l-massima legali *qui suo iure utitur neminem videtur iniuriam facere* li *a contrario sensu* tfisser li min ma jużax id-dritt tiegħu skond il-liġi għandu jwieġeb għall-ħsara li għamel.

»Jingħad illi l-appellanti ma talbux sabiex jiġu likwidati u mħallsa dawn id-danni. Li kieku kien il-każ, wieħed jasal jaqbel mal-ewwel qorti *stante* li l-atturi verament ma ġabux provi li jwasslu sabiex id-danni jiġu likwidati u kwantifikati. L-appellanti sempliċement talbu dikjarazzjoni li l-appellat huwa responsabbli għad-danni b'konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali da parti tiegħu u hekk jiġi dikjarat responsabbli għal kwalunkwe danni li dak l-aġir abbużiv u illegali jista' jkun ikkaġuna. Kwalunkwe ksur ta' liġi jġib miegħu responsabbiltà għall-ħsara li tali ksur ikun ikkaġuna. F'dan il-każ mhux qed tintalab likwidazzjoni u ma kienx hemm għalfejn li ssir il-prova tal-ħsara ikkaġunata.«

20. Fit-tweġiba tiegħu l-konvenut ressaq eċċezzjoni preliminari illi l-appell ma jiswiex "in kwantu qed jintalab it-tħassir tas-sentenza u fl-istess ħin ir-riforma tagħha … … … dawn iż-żewġ talbiet huma kontradittorji, u ma jistgħux joqogħdu flimkien".

21. Li talbu l-atturi hu illi din il-qorti "tħassar u tirriforma s-sentenza appellata tas-6 ta' Ġunju 2019 in kwantu ċaħdet it-tielet talba u allokat terz tal-ispejjeż lill-appellanti u minflok tilqa' it-talbiet kollha attriċi".

22. Tassew illi l-mod kif saret it-talba xejn ma hu feliċi, iżda likieku din il-qorti kellha tħassar kull rikors ta' appell li jkun formulat b'mod mhux feliċi kienet malajr teħles minn disgħa minn kull għaxar appelli. X'riedu jgħidu l-atturi huwa ċar: illi s-sentenza tiġi riformata u mhux imħassra għalkollox, u mħassra biss safejn ċaħdet it-tielet talba u ikkundannat lill-atturi jħallsu sehem mill-ispejjeż.

23. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

24. Fil-meritu mbagħad, it-tweġiba tal-konvenut hija fis-sens illi ma għandhiex tintlaqa' t-tielet talba tal-atturi għax "ma huwa responsabbli għal ebda aġir ċensurabbli fil-liġi li jista' jagħti lok għal xi danni", u illi "l-appell [tal-konvenut] iġib bħala konsegwenza ċ-ċaħda wkoll ta' din it-talba għax, fil-fehma [tiegħu], lanqas l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti ma kellhom jintlaqgħu".

25. Il-konvenut kien ikollu raġun li kieku l-appell tiegħu ntlaqa', iżda, kif rajna, ma ntlaqax.

26. Il-konvenut igħid ukoll illi l-atturi mhux biss ma ressqux prova tal-*quantum* tad-danni iżda wkoll ma ressqux prova li ġarrbu danni.

27. Fir-rikors maħluf li bih bdew il-kawża l-atturi ma talbux likwidazzjoni tad-danni iżda biss illi l-qorti "tiddikjara lill-konvenut responsabbli għal danni

favur l-atturi minħabba l-aġir abbużiv u illegali tiegħu liema danni jiġu likwidati f'ġudizzju separat".

28. Għalhekk f'din il-kawża ma kellhomx jinġiebu prova tad-danni iżda biss prova ta' għemil illeċitu li jġib miegħu responsabilità għal danni. Ladarba saret prova ta' dan l-għemil illeċitu, mela l-konvenut għandu jwieġeb għall-konsegwenzi ta' dak l-għemil, kif igħid u jrid l-art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Jekk imbagħad seħħitx ħsara u kemm, u jekk hemmx rabta ta' kawża u effett bejn l-għemil tal-konvenut u d-danni, huma kwistjonijiet li jkunu meritu ta' kawża dwar hekk; kull ma jridu l-atturi llum hija dikjarazzjoni ta' responsabilità, li hija konsegwenza tal-għemil illeċitu.

29. L-aggravju tal-atturi għalhekk għandu jintlaqa'.

30. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell tal-konvenut u tilqa' dak tal-atturi. Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi u tħassarha fejn ċaħdet it-tielet waħda u ikkundannat lill-atturi jħallsu sehem minn tlieta tal-ispejjeż.

31. L-ispejjeż, kemm dawk tal-ewwel grad u dawk tal-appell, iħallasshom il-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb